MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1962/1997/1

***Maltacom plc.***
***vs***
***John Scriha***

Il-Qorti,

Illi b' att tac-citazzjoni, il-korporazzjoni attrici, wara li **ppremettiet**:

1. illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenut, kienet istallat is-servizz telefoniku bin-numru 374365 fil-fond Blokk 4, House 1, Saint Patrick's Housing Project, Saint Andrew's u dana skond kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe` kopja fotostatika awtentikata tas-'Service Agreement' esistenti bejn il-partijiet;

2. illi skond l-istess 'Service Agreement' il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabiliti mill-korporazzjoni attrici;

3. illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta’ LM 2,215.23 (elfejn mitejn u hmistax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u ‘installation charges’ in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ immarkat bhala Dokument B;

4. illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma msemmija izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

**Talbet** li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

(a) tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ LM2,215.23 (elfejn mitejn u hmistax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u ‘installation charges’ in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku bin-numru 374365 liema servizz kien gie stallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-06 ta’ Dicembru, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta’ attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici ghall-hlas ta’ ammonti li jirreferu ghall-perijodu qabel Settembru 1992 huma preskritti a tenur ta’ l-Artikoli 2156 (f);

2. Illi fir-rigward tal-hlas li qieghed jintalab ghall-perijodu bejn Marzu 1993 u Lulju 1996, is-socjeta' attrici issospendiet is-servizz tat-telefon fuq talba ta' l-eccepjent;

3. Illi f' kull kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa ezagerat;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' April 2003[1]

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat –

Illi permezz ta' din il-kawza, il-korporazzjoni attrici qeda titlob li l-konvenut jhallasha s-somma ta' elfejn mitejn u hmistax il-lira maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm2,215.23c) rapprezentanti *"ammont dovut ghall-uzu (pulse/calls), kera tal-linja, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera, u installation charges in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku".*

Illi s-socjeta' attrici pprezentat prospett markat Dok.B fejn indikat breakdown tal-ammont minnha pretiz. Dan jirreferi ghall perijodu li jestendi minn Dicembru 1992 sa Lulju 1996, liema dokument jinsab anness mad-dikjarazzjoni guramentata tar-rappresentant tas-socjeta' attrici u rekonferma mill-Prokuratur Legali Noel Scerri fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Frar 1999.

---

[1] Fol.62 *et seq.*

Illi dan is-servizz kien mghoti mis-socjeta attrici fuq talba tal-konvenut fil-fond Blokk 4 House /1 St.Patrick's (Progett Tad-Djar) St.Andrews skond applikazzjoni li tinsab annessa mal-att tac-citazzjoni u markata Dok.A.[2]

Illi, ghalkemm fin-nota' tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut sostna li bejn Marzu 1993 u Lulju 1996 is-socjeta' attrici kienet issospendiet is-servizz tat-telefon fuq talba tieghu, dan il-fatt ma giex sostnut bil-provi. Di fatti l-konvenut ma ressaq ebda prova, ghajr id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, in sostenn ta' dak li kien qed jallega per via di eccezzjoni. Inoltre, l-imsemmi rappresentant tas-socjeta attrici, il-PL Noel Scerri fid-deposizzjoni tieghu, inter alia, qal hekk: *"Bejn Marzu 1993 u Lulju 1996 is-servizz kien ghadu operativ u sahansitra f''dak il-perijodu gie registrat konsum kif jirrizulta mid-dokument markat bl-ittra B u esebit mac-citazzjoni u li tinsab a fol.6 tal-process."*[3]

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' attrici pprovat sodisfacentement il-fatti li fuqhom qeda tibbaza t-talbiet taghha, liema talbiet huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-tieni u tat-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] fol. 5
[3] fol.17